MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 95/2014

**Krea Malta Limited (C-30172)**

**-VS-**

**Gemxija Crown Limited**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta’ rikorrenti Krea (Malta) Limited (C30172)tat-3 ta’ Frar, 2014 li jaqra hekk:

1. *Illl l-kumpannija rikorrenti hija l-kreditrici tas-socjeta' intimata fl-ammont ta' tnax-il elf sitt mija sebgha u sittin Ewro u tmenin-il Ewro centezmi (€12,667.80c) rapprezentanti ammont dovut ghall-bejgh ta' ghamara debitament konsenjata u ghal servizz ta stallazjoni ta' l-istess, rezi fuq inkarigu tas-socjeta' intimata;*

2. *Illi tas-socjeta' intimata, minkejja interpellata mill-kumpannija rikorrenti diversi drabi sabiex thallas dan id-dejn cert, likwidu u li ghalaq, baqat inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir il-procedura skond l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront taghha;*

3. *Illi permezz ta' ittra ufficjali prezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) ai termini tal-Artikolu l66A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-istess ismijiet ta' dan ir-rikors, datata it-tmienja (8) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010), li ggib in-numru disgha u ghoxrin zbarra ghaxra (29/10) debitament reza ezekuttiva nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010), kopja ta' liema qed tigi hawn annessa, esebita, u mmarkata bhala "Dokument GCLl", il-kumpannija rikorrenti kisbet titolu ezekuttiv ghall-hlas tal-imsemmi dejn cert, likwidu u li ghalaq fl-ammont ta' tnax-il elf sitt mija sebgha u sittin Ewro u tmenin-il Ewro centezimi (€12,667.80c) u dan oltre l-imghaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) sad-data tal-pagament effettiv skond il-ligi kif ukoll it-taxxa tal-spejjez msemmija fl-ittra;*

4. *Illi ghaddew aktar minn tlett (3) snin minn meta l-ittra fuq imsemmija setghet tigi ezegwita u l-intimata ghada ma hallsitx l-ammont dovut lill-kumpannija rikorrenti u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors;*

*Ghaldastant il-kumpannija rikorrenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi sabiex tezegwixxi l-ittra ufficjali b'titolu ezekuttiv ai*

*termini ta' l-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana peress illi ghaddew aktar minn tlett (3) snin mid-data illi l-imsemmija ittra ufficjali giet reza ezekuttiva, u dan taht dawk il-prowedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha*

*xierqa u opportuni."*

Rat illi ir-rikors promotorju, digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta' intimata;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet tagħha tal-Erbgha 9 t' April 2014, li bih akkordat lis-socjeta' intimata terminu ta' gimghatejn sabiex tressaq s-sottomissjonijiet, ai termini tal-Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li s-socjeta' intimata ma ressqet ebda sottomissjoni, baqghat inadempjenti ghaldaqstant ma hemm ebda ostakolo biex tigi pronunzjata is-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-provi tas-socjeta' rikorrenti, precizament mix-xhieda ta' Dr. William Cuschieri (a fol.13 et seq) Direttur tas-socjeta' attrici, tad-9 ta' April 2014, gie sodisfacentement stabbilit u pprovat illi l-ammont mitlub ta' tnax-il elf, sitt mija sebgha u sittin Ewro u tmenin-il Ewro centezmi (€12,667.80c) mis-socjeta rikorrenti fir-rikors promotorju ghadu dovut u ma nbidel xejn mid-data tal-prezentata tar-rikors promotorju 'l hawn.

Illi di piu, l-provi migjuba mis-socjeta' rikorrenti m'humiex kontradetti mis-socjeta' intimata , ghaldaqstant it-talba dedotta fir-rikors hija skond il-ligi.

Ghal dawn il-mottivi, u ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tilqa’ t-talba attrici kif dedotta, bl-ispejjez kontra socjeta’ intimata.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------